# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1166/08/1 GM**

**Marcella Barun bħala leġittima rappreżentanti ta' binha minuri Jesmar Vella, iben naturali tal-mejjet Jesmond Vella**

**v.**

**Saliba Bros Limited (C 2295)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza fuq il-preġudizzjali mressqa mill-kumpanija konvenuta dwar is-siwi tal-appell inċidentali mressaq mill-attriċi *nomine*, meqjus il-fatt li l-appell prinċipali mressaq mill-istess kumpanija konvenuta ġie ċedut qabel il-preżentata tar-risposta tal-appell u l-appell

inċidentali.

**Daħla**

2. Illi permezz ta’ rikors maħluf imressaq nhar l-24 ta’ Novembru, 2008, l-attriċi *nomine* fissret li nhar l-4 ta’ Jannar, 2008 għall-ħabta tal-11am, waqt li Jesmond Vella, impjegat tal-kumpanija konvenuta, fuq inkarigu u struzzjonijiet tal-istess kumpanija kien qiegħed isuq trakk b’tagħbija ta’ ramel fil-barriera tal-istess kumpanija ġewwa Wied iz-Ziju, Marsaskala, huwa waqa’ mill-għoli u bħala konsegwenza ta’ dan il-fatt, l-istess Jesmond Vella tilef ħajtu.

3. Tissokta tgħid li l-mejjet Jesmond Vella ma kienx miżżewweġ iżda mir-relazzjoni tiegħu magħha twieled Jesmar fis-27 ta’ Ottubru, 2003. Dan il-minuri kien dikjarat l-iben naturali tal-mejjet Jesmond Vella permezz ta’ sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-9 ta’ Mejju 2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Marcella Barun proprio et nomine v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***.

4. Fissret li Jesmond Vella miet intestat, ma kellux ulied oħra għajr l-imsemmi Jesmar u għalhekk l-istess Jesmar huwa l-uniku eredi tal-istess Jesmond Vella. Tgħid li l-minuri Jesmar Vella kien dipendenti fuq id-dħul tal-missier naturali tiegħu Jesmond Vella għall-għajxien tiegħu. Tisħaq li

jiġi b'hekk li b'konsegwenza tal-inċident, hija fil-kwalità tagħha bħala rappreżentanta ta' binha ġarrbet danni tal-għamla *damnum emergens* u *lucrum cessans*.

5. L-attriċi *nomine* tgħid li għall-inċident u għall-mewt konsegwenti ta' Jesmond Vella kienet taħti biss il-kumpanija konvenuta għaliex bħala kumpanija li tħaddmu naqset milli tiżgura s-saħħa u s-sigurtà tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijietu, u kif ukoll minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti skont l-**Artikoli 1031** u **1032(1) tal-Kodiċi Ċivili**.

6. Tgħid li minkejja li sejħet lill-kumpanija konvenuta sabiex tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba, dan kien kollu ta' xejn. Għalhekk l-attriċi *nomine* fetħet din il-kawża u talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta unikament responsabbli għall-inċident fuq riferit li bħala konsegwenza wassal għall-mewt ta' Jesmond Vella, impjegat tagħha, kif ukoll għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbet ir-rikorrenti noe.*
>
> *2. Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrenti noe, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*
>
> *3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lir-rikorrenti noe dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut in linea ta' danni.*
>
> *4 Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Settembru 2008 u dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru 2008, u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà konvenuta li ġiet inġunta għas-subizzjoni.»*

7. Il-kumpanija konvenuta Saliba Bros Limited ressqet ir-risposta maħlufa tagħha fid-19 ta' Diċembru, 2008, li permezz tagħha eċċepiet illi:

*«1. illi t-talbiet tar-rikorrenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante li mhux minnu li l-inċident fatali ġara minħabba xi tort negliġenza jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet meħtieġa da parti tas-soċjetà kif ser jiġi dettaljatament ppruvat fil-kors tal-kawża odjerna;*

*2. illi t-talbiet rikorrenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-inċident fatali seħħ b'tort u negliġenza tad-defunt Jesmond Vella stess u dan kif ser jiġi ppruvat fl-kors tal-kawża odjerna;*

*3. illi bla preġudizzju għal dak fuq eċċepiet, u in ogni caso d-danni lamentati ossia kemm dawk ta' 'damnum emergens' u 'lucrum cessans' jridu jiġu ppruvati skont il-liġi kemm fihom infushom kif ukoll għal dak li jirrigwarda il-konsegwenzjalità tagħhom għal xi aġir jew nuqqas tal-intimata li wkoll iridu jiġu ppruvati;*

*Salvi, jekk ikun il-każ, risposti, ossia eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.»*

8. B'sentenza mogħtija nhar is-29 ta' Ottubru, 2020 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*«Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi u konsegwentement:*

*1. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta unikament responsabbli għall-inċident li bħala konsegwenza wassal għall-mewt ta' Jesmond Vella, impjegat tagħha, kif ukoll għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbet ir-rikorrenti noe.*

*2. Tillikwida d-danni kollha subiti mill-atturi b'riżultat tal-istess inċident fis-somma ta' €141,873.31.*

*3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Settembru 2008 u dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru 2008, bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv u spejjeż legali kontra s-soċjetà konvenuta.»*

9. Il-kumpanija konvenuta Saliba Bros Limited appellat b'mod ewlieni minn din is-sentenza, b'rikors imressaq fis-17 ta' Novembru, 2020.

Madankollu permezz ta' nota ppreżentata fl-4 ta' Diċembru, 2020, dan l-appell ġie ċedut.

10. L-attriċi *nomine* wieġbet għall-appell prinċipali permezz ta' risposta mressqa fil-15 ta' Diċembru, 2020 fejn tat ir-raġunijiet tagħha għala fil-fehma tagħha l-appell kellu jiġi miċħud. L-attriċi *nomine* ħadet l-okkażjoni sabiex tressaq ukoll appell inċidentali.

11. Il-kumpanija konvenuta wieġbet għall-appell inċidentali permezz ta' risposta mressqa fil-11 ta' Jannar, 2021 u qabelxejn ressqet il-preġudizzjali tan-nullità tal-appell inċidentali interpost.

12. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum dwar jekk jiswiex dan l-appell inċidentali.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Illi kif diġà ngħad, din is-sentenza hija limitata għall-preġudizzjali dwar is-siwi tal-appell inċidentali.

14. Qabelxejn, l-**Artikolu 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi li parti f'kawża tista' tinqeda b'appell li jsir minn

sentenza u li jista' jkun appell kemm mill-istess sentenza li dwarha jkun tressaq l-appell ewlieni, kemm minn kap wieħed jew aktar ta' dik is-sentenza, kemm minn digriet interlokutorju, u kif ukoll saħansitra minn xi sentenza jew provvediment mogħtija fl-istess kawża li minnhom ma jkun tressaq l-ebda appell fl-appell ewlieni. Minbarra dan, l-appell inċidentali jista' jitressaq ukoll kontra xi parti fil-kawża li kontriha ma jkunx sar appell ewlieni. Imma l-imsemmi artikolu jgħid ukoll li parti ma tistax tinqeda b'appell inċidentali dwar sentenza partikolari fejn dik il-parti tkun diġà appellat minn dik is-sentenza jew xi kap minnha (***Proviso* tal-Artikolu 240(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fil-25 ta' Ottubru, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Adrian Vella Petroni et v. HSBC Bank Malta p.l.c. et***). Dwar x'għamla jew sura għandu jkollu appell inċidentali, dak l-artikolu jgħid biss li parti li tkun fi ħsiebha tinqeda b'appell bħal dak għandha tagħmel dikjarazzjoni f'dak is-sens fir-risposta fejn issemmi t-talbiet tagħha u r-raġunijiet għall-appell inċidentali tagħha (**Artikolu 240(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell maqtugħa fil-31 ta' Mejju, 2023 fl-ismijiet ***Brittannia Shipping International Limited v. Triva Shipping Company Limited***).

15. Tfisser ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Micallef et v. Carmelo Farrugia et*** deċiża fil-15 ta' Diċembru, 2015, li f'appell inċidentali dak li jkun ma jistax jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha

mogħtija mill-Ewwel Qorti u jitlob l-istess ħaġa mitluba fl-appell prinċipali. L-istitut tal-appell inċidentali huwa intenzjonat biex l-appellat iressaq appell marbut ma' partijiet inċidentali tas-sentenza appellata li ma jaqbilx magħhom, u mhux biex inċidentalment jappella mis-sentenza kollha li magħha ma jaqbilx.

16. Ġie miżmum ukoll li:

> *«Appell inċidentali huwa marbut ma' appell prinċipali, u jekk dan tal-aħħar jitqies li ma sarx, għax ma ġiex ippreżentat fil-ħin, ma jkun hemm xejn ma' xiex jorbot l-appell inċidentali. Kwindi, dan ukoll qed jitqies irritwali u null»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Avukat Dottor Tonio Grech nomine v. SL Ship Management Co Ltd*** deċiża fit-28 ta' April, 2021)

17. Ngħaddu issa sabiex tiġi mistħarrġa l-preġudizzjali mressqa mill-kumpanija konvenuta. Din tal-aħħar tgħid li l-appell inċidentali tal-attriċi *nomine* għandu jiġi ddikjarat irritu għaliex jaqa' 'l barra minn dak li huwa permissibbli skont l-**Artikoli 240(2)** u **241 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, bil-konsegwenza li dan l-appell m'għandux jitqies.

18. Il-kumpanija konvenuta fissret li s-sentenza appellata ngħatat fid-29 ta' Ottubru, 2020 u l-attriċi *nomine* għażlet li ma tippreżenta ebda appell prinċipali fit-terminu oriġinali, filwaqt li l-kumpanija konvenuta ressqet appell prinċipali fit-terminu. Madankollu tfisser li hija ħasset li kellha tirtira l-appell prinċipali tagħha nhar l-4 ta' Diċembru, 2020 u dan permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru tal-Qrati Ċivili. Tgħid ukoll li hija qagħdet għas-sentenza mogħtija. Tissokta tgħid li l-irtirar tal-appell

minnha sar ferm qabel ma r-rikorrenti ddikjarat fir-risposta tagħha l-intenzjoni li tippreżenta l-appell inċidentali. Tgħid li sabiex jeżisti d-dritt tal-appell inċidentali jrid jeżisti l-appell prinċipali li jkun validu u operattiv.

19. Tissokta tgħid li l-artikoli tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jirregolaw ċirkostanza simili jagħmluha ċara li l-uniku ċirkostanza meta l-irtirar tal-appell prinċipali ma jaffettwax il-validità u l-operattività tal-appell inċidentali huwa biss meta l-irtirar tal-appell prinċipali jsir wara li tkun laħqet daħlet id-dikjarazzjoni tal-intenzjoni tal-appell inċidentali. Issostni li l-liġi hija ċara, li sabiex l-irtirar tal-appell oriġinali ma jaffettwax l-appell inċidentali jeħtieġ il-presuppost li l-appell inċidentali jew aħjar id-dikjarazzjoni tkun diġà ġiet preżentata validament qabel ma jkun hemm l-irtirar tal-istess appell. Tisħaq li l-liġi ma tipproteġix l-appelli inċidentali li jkunu ġew ippreżentati wara li l-appell oriġinali jkun diġà ġie rtirat.

20. Illi sabiex tilqa' għal din il-preġudizzjali, l-attriċi *nomine* permezz tal-avukata tagħha tgħid li l-appell inċidentali huwa siewi u fuq kollox tgħid li hija ma ġietx notifikata bin-nota tal-kumpanija konvenuta li permezz tagħha ċediet l-appell tagħha. Waqt is-sottomissjonijiet orali li għamlet saħqet li f'każ li din il-Qorti twarrab l-appell inċidentali, l-attriċi *nomine* m'għandhiex tbati spejjeż.

21. Illi jkun ta' siwi li ssir referenza għall-fatti kif seħħew:

(i) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża bejn il-partijiet fid-**29 ta' Ottubru, 2020** u sabet lill-kumpanija konvenuta responsabbli għall-inċident fuq il-post tax-xogħol li wassal għall-mewt ta' Jesmond Vella u kkundannatha tħallas is-somma ta' €141,873.31. Bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanija konvenuta.

(ii) Il-kumpanija konvenuta ressqet appell prinċipali minn din is-sentenza nhar is-17 ta' Novembru, 2020.

(iii) Jirriżulta mir-riferta (fuq id-dahar tal-paġna 693 tal-proċess) li l-attriċi *nomine* ġiet notifikata bir-rikors tal-appell fil-25 ta' Novembru, 2020.

(iv) Il-kumpanija konvenuta ċediet l-atti tal-appell permezz ta' nota ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti nhar l-4 ta' Diċembru, 2020.

(v) Din in-nota ma ġietx notifikata la lil Marcella Barun u lanqas lill-avukat difensur tagħha.

(vi) L-attriċi *nomine* ressqet it-tweġiba għall-appell nhar il-15 ta' Diċembru, 2020. Barra minn hekk, iddikjarat li b'riħet l-**Artikolu**

**240(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** kienet qiegħda tinqeda bl-appell tal-kumpanija konvenuta sabiex tressaq appell inċidentali.

(vii) Il-kumpanija konvenuta ressqet it-tweġiba tagħha għall-appell inċidentali nhar il-11 ta' Jannar, 2021.

22. Meħud inkonsiderazzjoni dak li tipprovdi l-liġi dwar l-appell inċidentali, ċjoè l-**Artikoli 240(2)** u **241 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, kif ukoll it-tagħlim ġurisprudenzjali, jirriżulta mingħajr ebda dubju li l-appell inċidentali huwa verament irritu.

23. Jirriżulta li dan l-istess appell inċidentali tressaq meta l-appell prinċipali kien diġà ġie ċedut mill-kumpanija konvenuta. Għaldaqstant ġaladarba ma kien hemm l-ebda appell prinċipali meta l-appell inċidentali tressaq, allura dan l-appell inċidentali jiġi li ma jiswiex billi dan tal-aħħar jintrabat ma' appell prinċipali li jeħtieġ li jkun validu.

24. Sfiq ma' dan, ġie miżmum mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2018 fl-ismijiet ***Joseph Attard et v. Mario Attard***, li:

> *«Għalkemm huwa minnu, kif issottometta d-difensur tal-appellat, li appell inċidentali jżomm "ħajja awtonoma" minn appell prinċipali li ma jitkompliex (**Art. 241 tal-Kap 12**), jibqa' dejjem meqjus li appell inċidentali jgħodd biss fejn ikun hemm appell prinċipali li jiswa u li d-dikjarazzjoni li wieħed jagħmel biex jgħid li jrid jappella inċidentalment (**Art. 240(2) tal-Kap 12**) issir fl-atti tal-appell prinċipali.»*

25. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku l-appell inċidentali tressaq fil-perjodu meta l-appell prinċipali kien għadu ħaj. Kemm hu hekk, huwa aċċettat li jekk l-appell prinċipali jaqa' deżert jew jiġi rtirat, iżda l-appell inċidentali jkun tressaq meta l-appell prinċipali kien għadu ħaj, id-dikjarazzjoni li l-appellant inċidentali jkun għamel biex juri l-intenzjoni tiegħu li kien se jinqeda bl-appell prinċipali tibqa' tgħodd.

26. Għaldaqstant din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li tiddikjara l-appell inċidentali bħala wieħed irritwali.

27. Jifdal issa li titqies il-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjeż. Għal dak li huwa l-appell prinċipali, l-ispejjeż neċessarjament jinġarru mill-kumpanija appellanti billi ċediet l-istess atti tal-appell. L-attriċi *nomine* tinsisti li hija m'għandhiex tbati spejjeż ukoll dwar l-appell inċidentali.

28. Il-kap tal-ispejjeż hi kwistjoni regolata bl-**Artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. **Is-subinċiżi (1)** u **(3)**. Dawn jagħtu direzzjoni lil Qorti kif jiġu maqsuma l-ispejjeż. Il-prinċipju hu li t-tellief ibati l-ispejjeż tal-kawża però meta kull waħda mill-partijiet hi telliefa f'xi punt dan għandu jbati skont it-telf tiegħu (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Lulju, 2020 fl-ismijiet ***Louis De Bon et v. Stefania Micallef et proprio et nomine***).

29. B'mod ġenerali, il-mod kif jitħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji huwa regolat bl-**Artikoli 223** sa **225 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċvili**, b'dana li normalment kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lill-parti sokkombenti għall-ispejjeż. Din iżda mhijiex norma ta' dritt talment tassattiva u inflessibbli li ma tippermettix varjazzjoni. Infatti minn eżami tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-Qrati, insibu li jekk jirriżultaw motivi ġusti, l-ispejjeż jistgħu jiġu għalkollox jew f'parti minnhom kompensati, per eżempju, mingħajr taxxa jew ripartiti f'xi proporzjon ieħor (ara ***Francis Vella v. John Debono*** deċiża mill-Prim'Awla fid-29 ta' Ottubru, 1964 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 1965). Jeżistu sitwazzjonijiet fejn saħanistra l-parti proċeduralment rebbieħa teħel l-ispejjeż kollha (**Vol XXVU I 173; Vol XXXIX I 342**). Dak li hu ċert hu illi l-konklużjoni għandha tkun dik li għandhom jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ (ara **Vol XXIX II 389** u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Carmelo Camilleri nomine v. Eucharist sive Chris Cassar nomine*** maqtugħa fit-28 ta' Settembru, 2007).

30. Madankollu huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li d-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-qsim tal-ispejjeż ġudizzjarji hija waħda diskrezzjonali li tiddependi ħafna miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ (Ara b'eżempju s-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ***Costantino Muscat pro et noe. v. Nazzareno sive Reno Muscat et*** deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru,

2004; ***Lawrence Hili v. Louis Hayman*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2003 u ***Raymond u Sharon Borg v. Ħal Mann Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru, 2003). Ingħad ukoll li «*l-ġudizzju mogħti mill-Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż għandu jkun riżultat ta' konsiderazzjoni matura dettata mill-kuxjenza*», u mhux xi eżerċizzju matematiku (ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***John sive Juanito Pullicino v. Carm Lino Scerri*** deċiża fis-17 ta' Frar, 2022 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Mark Attard Montalto et v. L-Avukat Dottor Michelle Tabone nomine*** deċiża fit-12 ta' Lulju, 2023).

31. Miżmum dan kollu, din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi l-attriċi *nomine* m'għandhiex iġġorr l-ispejjeż hi, kemm għal dik li hija r-risposta li ppreżentat u kif ukoll dawk relatati mal-appell inċidentali. Il-kumpanija konvenuta esibit diversi dokumenti fosthom iċ-ċedola ta' depożitu ppreżentata minnha bis-somma likwidata mill-Ewwel Qorti u l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv li l-attriċi *nomine* ppreżentat sabiex titħallas l-imgħaxijiet dovuti lilha; u dan biex turi li l-attriċi *nomine* tħallset. Biss dawn id-dokumenti qajla jistgħu jkunu ta' fejda għaliha f'din il-kwistjoni, billi dawn l-atti ġudizzjarji kollha ġew ippreżentati minnha ferm wara li ġiet ippreżentata r-risposta tal-appell u l-appell inċidentali. Biss biss iċ-ċedola tad-depożitu tal-kumpanija konvenuta ġiet ippreżentata fit-18 ta' Marzu, 2021 u l-attriċi *nomine* żbankat il-flus fit-3 ta' Ġunju, 2021.

32. Filwaqt li m'hemm l-ebda dubju, li l-kumpanija konvenuta kellha kull dritt li ċċedi l-atti tal-appell prinċipali tagħha ladarba ħasset li hekk kien xieraq u ġust, min-naħa l-oħra setgħet imxiet aktar bil-galbu fil-konfront tal-parti l-oħra. Il-kumpanija konvenuta kienet taf jew messha kienet taf li r-rikors tal-appell tagħha kien diġà ġie notifikat lill-kontroparti wara ftit jiem li kienet ressqitu. Ċertament setgħet tobsor li l-attriċi *nomine* kienet se tressaq tweġiba għal dan l-appell u dan billi l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti kienet missielta. Għaldaqstant meta ċediet l-atti tal-appell permezz tan-nota fir-Reġistru tal-Qrati lanqas ħaġa li setgħet tagħmel kien li tħallas għal notifika lill-attriċi *nomine* jew lill-avukat tagħha sabiex ikunu mgħarrfa b'dan l-iżvilupp.

33. Jista' jitressaq l-argument li l-attriċi *nomine* setgħet wettqet il-verifiki tagħha mas-sistema elettronika tal-*ecourts* qabel ma ppreżentat ir-risposta u l-appell inċidentali tagħha, iżda jekk wieħed irid ikun onest, wieħed irid jagħraf li meta wieħed ikun irċieva l-atti tal-appell, diffiċilment jgħaddi minn moħħ dak li jkun li l-appellant se jċedi l-appell tiegħu kif ġieb u laħaq wara ftit jiem li jkun ippreżentah!

34. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li filwaqt li għandha tilqa' l-preġudizzjali li l-appell inċidentali huwa irritu, madankollu tqis illi huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi ta' kif ġraw l-affarijiet f'dan il-każ li l-ispejjeż inkluż

dawk li għandhom x'jaqsmu mal-appell inċidentali għandhom jinġarru kollha mill-kumpanija konvenuta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti **tilqa'** l-preġudizzjali mressqa mill-kumpanija konvenuta Saliba Bros Limited u b'hekk tiddikjara l-appell inċidentali mressaq minn Marcella Barun *nomine* bħala wieħed irritu u null u għalhekk tieqaf milli tqisu aktar.

L-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-appell prinċipali u mal-appell inċidentali għandhom jinġarru kollha mill-kumpanija konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da